KUNSILL LOKALI | KALKARA | LOCAL COUNCIL

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Kalkara

## It-8 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 8/2023

23 ta' Awwissu2023

Il-Kunsilli Lokali Kalkara Itaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 12, Binja tas-Salvatur, Wesgħet l-10 ta' Diċembru, 1897 fis-2 ta' wara nofsinhar.

## PREŻENTI:

Wayne Aquilina - Sindku
Vincent Bongailas - Viċi-Sindku
Maria Sultana - Kunsilliera
Speranza Chircop - Kunsilliera
Christopher Bruno - Kunsillier

Membri tal- Pubbliku: (0)

## ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Ma Kienx hemm

**ASSENTI:**

Ma kienx hemm

## UFFIĊJAL PREŻENTI:

Duncan Hall – Deputat Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sur Wayne Aquilina, Sindku, ippresjeda l-laqgħa

**8.1** **Qari ta' ittri ta' apoloġija**

**8.1.** Ma kellniex.

**8.2** **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni ta' minuti**

**8.2.1** Il-minuti ta' seduta numru 7.23 u 8.23a kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel is-seduta u għal daqstant ġew meqjusa bħala moqrija.

**8.2.2** Wara kunsiderazzjoni, fuq mozzjoni tas-Sinjura Speranza Chircop u ssekondata mis-Sinjura Maria Sultana l-minuti ġew approvati unanimament.

**Punti mill-Minuti Preċedenti :**

**8.3** **7.3 Permess għal żvilupp Triq il-Progress**

Is-sindku spjega illi aktar kmieni 'Awwissu kien preżenti għal hearing imsejjah mill-Planning Authority bħala support għar-residenti fejn ikkonferma illi l-permess li kien hemm ma ġietx imġedda u l-iżviluppatur irid japplika mill-ġdid għal istess żvilupp. Dan ifisser illi l-kunsill ser ikun qiegħed on alert biex wieħed jerġa' jiddiskuti f'każ li l-kunsill jiddeċiedi li jitfa' r-rapreżentanza tiegħu fiż-żmien stipulat mill-awtorità stess. Sa issa għad ma jidher li hemm xejn u dan ukoll ikkonfermah il-Perit tal-kunsill sal-ġurnata ta' qabel din is-seduta.

**7.4.2 Tender Bulky**

Id-deputat Seg Eżek spjega kif wara li l-board evalwa l-offerti li intefgħu mal-ftuħ tas-sejħa, il-kunsill irċieva ittra legali minn kuntrattur partikolari fejn qed jallega illi l-board ma ikkunsidrax xi termini fir -regoli.. Sadanittant il-board ser ikun qed jerġa' jagħmel re evalwazzjoni tal-offerti li huma compliant mill-ġdid biex ovvjament wieħed jaderixxi ukoll ma' din l-ittra legali.

**7.4.4 Ġnejnet Ziam**

Is-Sindku spjega kif l-intenzjoni tal-ftuħ uffiċjali ta' dan il-Ġnien kellha tkun f'Lulju però minħabba xi kumplikazzjonijiet li inqalgħu mhux minn naħa tal-kunsill imma minħabba proċeduri amministrattivi tad-dipartimenti li ffinanzjaw dan il-proġett. Is-Sindku qal illi ser ikun qiegħed jinforma l-kunsill bid-data l-ġdida la darba l-kunsill ikollu l-go ahead mid-dipartimenti kkonċernati u involuti.

**7.4.6 Lejla Rnella**

Is-Sindku qal illi din is-sena din l-attivita għat-tieni sena konsekuttiva jinsab ferm kuntent għal konkorenza li kien hemm b'żieda sostanzjali mis-sena preċedenti. Is-Sindku reġa' saħaq illi din l-attivita' saret purament b'extra funding minn skema partikolari li xhur ilu kien il-kunsill stess li applika għalihom u mhux bl-allokazzjoni 'normali ' tal-kunsill. Is-Sinjura Chircop issuġġeriet illi forsi għal darb'oħra wieħed għandu jieħu fil-kunsiderazzjoni tiegħu li jkun hemm siġġijiet u mwejjed forsi għal nies ta' eta aktar avvanzata ħabba raġunijiet ovvji. Is-Sinjura Sultana qabblet ukoll mas-suġġeriment ta' Spera kif ukoll qalet illi kien hemm nuqqas ta' dawl. Is-Sinjura Sultana saqsiet għaliex il-logo tal-kunsill fuq il-flyer ma saritx ikbar la darba din l-attivita' ġiet organizzata mill-kunsill. Is-Sindku qal illi l-logos li intużaw huma skond il-gwida tal-istess dipartiment.

**7.7.1. Tankijiet Rinella**

Is-Sindku kkonferma illi fil-ġranet li ġejjin ser ikun qed jagħmel appuntament ma' Dr.Cornelio Zammit German , head ta' Falzon Group fuq dan il-punt biex hekk kif iddeċieda l-kunsill fl-aħħar seduta wieħed ikun jista' jsaqsi xi mistoqsijiet konkreti fuq din il-materja.

**<u>8.4</u> <u>Komunikazzjonijiet mis-Sindku:</u>**

**1 Quarter 2 Accounts**

Id-Deputat Seg Eżek spjega s-sitwazzjoni tat-tieni quarter tal-finanzi fejn semma wkoll id-defisit u ssuġġerixxa bi sħiħ illi wieħed irid joqgħod attent u jimxi ma' dak li l-kunsill ibudgetja fil-bidu tas-sena. Id-deputat Seg Eżek semma l-problema ta' likwidita fejn saħansitra d-dipartiment l-aħħar trache ta' allocation intbgħatet qabel il-kunsill biex ikun jista' jibqa' jopera. Il-kunsill approva unanimament dan ir-rapport finanzjarju biex b'hekk ukoll jittella' onlajn skond il-liġi u bħal trasparenza mal-pubbliku.

**2 Laqgħa b'urġenza żvilupp Smart City**

Il-minuti ta' din is-seduta ġew approvati aktar kmieni f'din is-seduta stess.

**3 Villa Portelli**

Is-Sindku spjega kif minn Frar 2023 hu kien diġà beda diskussjonijiet mal-Ministeru tal-Edukazzjoni fejn ukoll din l-info l-kunsill kien diġà infurmat bihom. Meta waslet l-aħbar illi l-Ministeru l-Edukazzjoni ta' lura ċ-ċwievet ta' din il-villa lura lejn il-'lands department' kien is-Sindku illi baqa' jagħmel pressjoni fuq dan is-sit li huwa Wirt Storika fil-lokal x'ser jiġri minnu. Is-Sindku

qal illi faċli li wieħed jgħaddi s-suġġerimenti tiegħu però meta wieħed jara u jiġi spjegat l-affarijiet kif inhuma mill-awtoritajiet ikkonċernati wieħed jibda jifhem illi ċerti suġġerimenti m'humiex vijabbli ħabba raġunijiet ovvji. Il-punt tat-tluq tar-restawr ta' din il-Villa huwa estimat fuq 3 miljun Ewro. Is-Sindku qal illi l-kunsill ovvjament f'kull leġislaturi prova jieħu din il-binja imma l-fatti huma ċari u tondi u li l-ebda kunsill fil-leġislatura ma' jista' jieħu din ir-responsabbiltà għal dan ir-restawr. Apparti l-finanzi li hemm bżonn għar-restawr, hemm patrimonju ta' storja fejn wieħed għandu jifhem illi marret taħt l-entita l-aktar idonju għaliha li huwa l-Heritage Malta. Is-Sindku saħaq illi Villa Portelli taħt il-Heritage hija l-iktar ħaġa idonju li setgħet issir. Huwa qal illi jifhem ħafna mis-suġġerimenti tan-nies fosthom dar tal-anzjani , ċentru ċiviku u oħra però wieħed irid jifhem illi l-Heritage ser ikunu qed jirrestawra din il-villa b'tir illi tingħata lura lill-pubbliku f'modi differenti. Is-Sindku baqa' jisħaq biex il-komunità tieħu xi ħaġa lura minn dan ir-restawr la darba issa ġiet taħt idejn awtorita' li r-relazzjoni magħha hija waħda pożittiva mmens. Dan apparti li l-villa ġejja ċentru interattiv għat-tfal għal familji eċċetra. Ser tinfetaħ għal pubbliku anke għal aċċess Kalkariż dan huwa punt importantissimu wara snin twal ħafna magħluqa. Fost dawn l-affarijiet hemm possibilta' illi l-binja tal-kunsill timxi għal ġo dan is-sit storiku . Dan huwa ta' sodisfazzjon kbir il-għaliex kulħadd jaf illi l-binja tal-kunsill wara das-snin kollha jixirqilha aħjar. Is-Sindku saħaq u kkonferma illi l-għada ta' din is-seduta fl-għaxra u nofs ta' filgħodu min irid jista' jingħaqad miegħu biex iżur din il-binja. Is-Sinjura Sultana saħqet illi biex ma jiġrix bħal ma' ġara fi snin preċedenti fuq binjiet oħra fejn il-kunsill ma ħax ħsieb li jkollu l-affarijiet bil-miktub din id-darba tajjeb illi din id-darba l-kunsill jagħmel kollox kif suppost biex wara ma jkunx hemm problemi bħal ma ġara. Is-Sindku qal illi fil-futur ħa jkun hemm lwok ta' diskussjoni bejn il-kunsill biex wieħed jiddeċiedi din il-binja li ser tkun mogħtija l-kunsill wieħed x'ser ikun qed jagħmel b'dan il-binja la darba kollox jiġi kkonfermat.

Il-kunsill qabel unanimament li għandu jaċetta din il-binja u s-Sindku ser ikun qed jieħu ħsieb jinforma l-'Heritage Malta' b'korrespodenza formali fuq dan ir-rigward.

Is-Sinjura Chircop żiedet tghid illi hi taqbel ma dan kollu li gie diskuss bil patt u il-kundizzjoni li l-ufficini preżenti tal-Kunsill Lokali ghandha tinżamm.

**4 Xogħol b'urġenza Santu Rokku**

Is-Sindku nforma l-kunsill dwar xogħol urġenti li ser ikun qed issir fiż-żona ta' Santu Rokku dan wara ħafna lmenti li joqgħodu fiż-żona fuq drenaġġ u ilma. Dan ix-xogħol ser ikun qed isir mill-Water Services biex jgħaddu b'xogħolijiet preparatorji għal Smart City. Is-Sindku qal illi tajjeb li wieħed ikun preparat għal ilmenti ta' residenti li joqgħodu fiż- żona dan il-għaliex inkonvenjent ser ikun hemm żgur. Is-Sindku qal illi veru jifhem li r-residenti b'dan l-inkonvenjent u għandna nkunu ta' spalla f'dawn iż-żmenijiet antipatki u xejn popolari. Is-Sinjura Sultana qalet illi x-xufiera ta' tat-trasport pubbliku għadhom mhux infurmati b'dawn ix-xogħolijiet il-għaliex hi esperjenzat din il-kwistjoni personali. Is-Sindku qal illi li s-servizz ta' trasport pubbliku infurmat żgur il-għaliex ikkupjat f'korrespondenza hu personali.

## 8.5 Korrespondenza:

**1 Seduta Parlamentari Żagħżagħ**

Is-Sindku qal illi jekk xi kunsillier jaf xi żagħżugħ/a li hu interessat jattendi għal din is-seduta jinfurmawna mal-ewwel minħabba d-data tal-iskadenza qasira li hemm biex wieħed jirreġistra.

**2 Pa 01305/13** – Scrapyard, Santu Rokku – Kien hemm diskussjoni libera dwar il-materja li matula ġiet diskussa l-imsemmija applikazzjoni. Is-Sindku informa lill-Kunsill Lokali illi f'isem l-istess Kunsill Lokali kien ser ikun qiegħed jattendi għas-smiegħ online.

**3 Kuntratt Ħamiem**

Wara li l-kunsill issieħeb mal-AKL fuq din il-materja issa dan l-arranġament wasal għal tmiemu u dawk il-kunsilli li jridu jkomplu b'dan l-arranġamenti issa l-kunsill interessat irid jidħol għal l-ispiża minnu nnifsu għaliex ma hemmx aktar finanzi biex l-AKL ikompli b'dan l-arranġamenti. Il-kunsill qabel illi din il-proposta għandha tinġieb quddiem il-kunsill reġjonali biex wieħed jara x'jista' jsir minflok li l-kunsilli jissieħbu separatament.

**4 Pa 04049/22**

Is-Sindku nforma l-kunsill illi ser ikun qiegħed jattendi għal dan is-smieħ imsemmi hawn fuq f'isem il-Kunsill Lokali Kalkara.

## 8.6 Komunikazzjoni mill-Kunsilliera;

### Maria Sultana

- Is-Sinjura Sultana nfurmat lill-kunsill dwar il-ħatra tal-head il-ġdida tal-iskola fejn is-Sindku ukoll talaba d-dettalji biex b'hekk ikun jista' jiktbila formalment f'isem il-kunsill.

- Is-Sinjura Sultana talbet il-kunsill japprova xi tip ta' entertainment għal ewwel ġurnata tal-iskola fejn ukoll il-kunsill ħaseb biex ferraħ it-tfal b'karattri famużi qabel daħlu l-iskola.

Is-Sindku qal illi jaqbel ma' din il-proposta għal sena oħra.

- Is-Sinjura Sultana talbet ukoll jekk hemmx min għandu xi kalendarji jew stampi fejn il-head il-ġdida tista' tagħmel użu minnhom fl-uffiċju tagħha.

- Is-Sinjura Sultana semmiet ukoll id-dgħajsa li hemm fil-premises tal-iskola biex wieħed jaħseb x'ħa jsir minnha wara daż-żmien kollu li ilha miżmuma hemmhekk.

### Speranza Chircop

- Ħarġiet Kulturali – Is-Sinjura Chircop infurmat il-kunsill dwar ħarġa għal anzjani li ser tkun qed torganizza nhar it-2 ta' Settembru 2023 ġewwa Għawdex.

- Gal Xlokk - Is-Sinjura Chircop infurmat il-kunsill illi kienet attendiet għal laqgħa tal-Gal Xlokk, fejn ġie spjegat fondi li għandhom available għal NGOS għal lokal jew Reġjun biex forsi wieħed jaħseb jistax japplika għal xi ħaġa. Wieħed irid jiċċekja sew fuq xiex eżatt huma dawn il-fondi. Is-Seg Eżek għandu jiċċekja fuq il-guidelines u anke s-Sindku ser ikun qed jiċċekja l-kunsill fiex jista' jibbenefika.

- Is-Sinjura Chircop preżentat plakka magħmula mill-mosaic mogħtija lill-kunsill mill-għalliema li kienet qed tagħti kors tal-mosaic fi ħdan il-lokal tal-Kalkara bħala ringrazzjament.

## 8.7 Punti Ġenerali

1. **Vince Bongailas**

- Skart maħruġ mhux skond l-iskeda

Is-Sur Bongailas innota l-problema tal-appartamenti tal-kiri fejn l-owners tal-propjeta' m'humiex qed jagħmlu biżżejjed enfażi fuq din il-kwistjoni. Tajjeb li wieħed jerġa' jibgħat ittra fiż-żoni li wieħed jara boroż maħruġin mhux skond l-iskeda tal-ġbir. Is-Sindku qal illi din tal-boroż maħruġin barra hija sfida kontinwa tal-kunsill.

- **Dawl fil-lokal ( bozzoz nieqsin)**

Is-Sur Bongailas innota illi ż-żona ta' riġenerazzjoni tax-Xatt għandha nuqqas ta' dawl u talab lis-Sindku jikteb formalment il-GHRC biex forsi wieħed ikollu ħjiel meta ż-żona ser tiġi ffinalizata bid-dawl b'kollox, is-Sindku diġà qed jitkellem mal-GHRC fuq din il-kwistjoni u qed jistenna risposta.

2. **Chris Bruno**

- Skart maħruġ mhux skond l-iskeda.

Dan il-punt diġa' ġie diskuss f'minuta preċedenti f'din is-seduta stress.

**<u>8.8 Mistoqsijiet lis-Sindku:</u>**

Is-Sur Vincent Bongailas xtaq isaqsi dawn il-mistoqsijiet lis-Sindku

- Jekk hemm xi ħjiel , meta x-Xatt ser ikun komplut bid-dawl?

Din il-mistoqsija ġiet imwieġba f'punt preċedenti u s-Sindku kkonferma illi l-proġett ser jiġu inawgurat fl-aħħar tas-Sena 2023

- Jekk hemmx il-possibiltà li jitneħħa l-ħmieġ kollu n-naħa tax-Xewkija speċjalment fejn kienet il-latrina l-antika.

Ħmieg iġġenerat mill-proġett biex jitneħħa.

Is-Sinjura Maria Sultana staqsiet jekk hemmx xi ħjiel meta ser terġa' tibda topera l-letter box tax-Xatt dan wara li ġiet magħluqa temporanjament ħabba x-xogħolijiet li kienu għaddejjin fil-viċinanza.. Is-Sindku qal illi l-maltapost diġà infurmati biex terġa' tinfetaħ dan wara li ġew konklużi x-xogħoljiet taż-żona ta' quddiem din l-istess letter box.

**8.9 Mozzjonijiet**

Ma kienx hemm.

8.10 **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagamenti.**

Is-Sindku kkonferma illi l-iskeda kienet intbgħatet via email aktar kmieni din il- ġimgħa biex kull kunsillier ikollu ċans jagħtiha titwila kif suppost qabel japprova l-istess pagamenti .

Fuq proposta tas-Sa. Speranza Chircop ssekondata mis-Sur Christopher Bruno, il-Kunsill Lokali unanimament approva l-pagamenti inklużi fl-iskeda ta' ħlasijiet li tinstab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti (DOK A). 8.23

8.1 12 **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Is-Seduta ntemmet fl-4:15pm wara li ġiet eżawrita l-aġenda u ġiet aġġornata għad-19 ta' Settembru 2023 fis-2:00 ta' wara nofsinhar wara proponiment tas sur Christopher Bruno u issekondat mis sinjura Speranza Chircop biex is seduta issir fdan il hin. Il kumplament tal kunsill qabel unanimament.

Konfermati, illum ______________________________

**Wayne Aquilina**
Sindku

**Duncan Hall**
Deputat Seg.Eżekuttiv